VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,410, 14 ta' April, 2015
Taqsima B

A.L. 135 tal-2015

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2015 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2015 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.


Cap. 455.

3. Id-drittijiet u responsabbiltajiet rigward il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta Jannar 2015 jitqiesu li ma baqgħux jitwettqu mill-Kunsill Malti għall-Isport permezz tal-Att dwar l-Isport, u ġew trasferiti lura lil Kummissarju tal-Artijiet kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. Il-proprjetà imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti fi *clubhouse* mingħajr l-arja tagħha u l-*pitch* tal-boċċi fil-kumpless sportiv, fi Triq Diċembru Tlettax, Marsa, reġistrata bħala Tenement Numru 78913 u li tidher immarkata fuq il-pjanta P.D. 112_2001.

B 1040


GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
LOCALITY: MARSA
P.D. Nor 112_2001
SCALE 1:500
(sgd. S. Scotto)
A&CE
(sgd. J. Caruana)
Director Estate Management
Site Plan
S.S. 5471
Scale 1:2500
Map Ref. 54330
71341
MARSA (34)
MARSA BOCCI CLUB in
MARSA SPORTS COMPLEX
Triq Dicembru 13
Triq Dicembru 13
Triq San Tumas
Bridge
Scale 1:500